MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 499/2001/1

**Avviz Nru:- 499/01**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Joseph Farrugia u martu Geralda Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija wiehed u disghin liri Maltin (Lm891) rapprezentanti import ta' hdax kambjali ta' wiehed u tmenin liri Maltin (Lm81) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2000 sa April 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 11 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 t'April 2001 jammontaw ghal tmienja u tletin liri Maltin (Lm38), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll in-nota ta' cessjoni tal-mertu prezentata llum stess mill-atturi, qeghda tilqa' it-talba attrici ghall-ispejjez tal-kawza u tikkundanna lilll-konvenuti ihallsu l-ispejjez tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------